MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 38/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta’ Awwissu tas-sena elf disa’ mija u tlieta u disghin (1993) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt min-Nutar Carmel Martinelli mid-disgha u ghoxrin (29) ta’

Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala 'Dok. A';

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom aktar minn hdax-il sena legalment mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ta' xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut stante illi l-partijiet iddekadew definittivament minn kull jedd taghhom li jitolbu u li jircievu manteniment minghand xulxin u dana skond it-Tieni Artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elf disa` mija u tlieta u disghin (1993) bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabilit minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex issir id-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Novembru 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-partijiet iddekadew definittivament minn kull jedd li jitolbu u li jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------